KLR 11 VII/2013

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2013 fl-16.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joe Debrincat, Michel Buttiġieġ, u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI:- il-membri Maria Portelli u Anthony Briffa.

**1. Talba u approvazzjoni tal-minuti**

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

**2. Evalwazzjoni tar-Rapport tal-Bord ta' Aġġudikazzjoni:-** ***Repaving of Pjazza Savina, Pjazza Indipendenza and other streets within the Victoria Urban Conservaton Area (Gozo) as part of the project "Setting up of an Integrated Cultural Heritage"***

William Sultana ġie mistieden jidħol fil-kamra għal waqt li l-ħin li ġiet diskussa din il-materja. Hu ressaq ir-rapport tal-bord ta' aġġidikazzjoni skont dokument A anness. Wara li ġie evalwat il-membri qablu li l-Kunsill għandu jimxi mal-parir tal-bord. Għalkemm il-bord ta parir li l-Kunsill jinnegozja ma' 'Tokk JV', inġibdet l-attenzjoni li peress li dan hu proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea jeħtieġ li jiġu osservati id-direttivi li jikkonċernaw offerti pubbliċi. Il-Kunsill jista' biss jinnegozja fuq il-prezz offrut mingħajr ma jitnaqqsu l-parametri tal-offerta. Jekk wara li jintalab skont jirriżulta li l-meżżi finanzjarji li għandu l-Kunsill ma jsostnux l-offerta mitgugħa, jiġu nfurmati l-kuntratturi li l-offerta ġiet kanċellata u tinħareġ seħa oħra.

**3. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

3.1 ir-*Review Panel* tar-*Reserved Parking*, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-applikazzjoni għal-*reserved parking* għall-perusni b'diżabilita' ta' Helen Grech, ta' 86, Triq Santa Marija ġiet aċċettata;

3.2 Scicluna Enterprises Ltd. li talbu għal-soluzzjoni sabiex vetturi ma jagħalqux l-entratura tal-garaxx ta' blokk appartamenti fi Triq Dawwara. Il-membri qablu li l-Kunsill jitlob il-permess ta' Transport Malta sabiex isir *one metre single yellow line* biswit dan il-garaxx.

**4. Materji oħra**

4.1 Il-membri qablu li l-Kunsill jitlob ħaddiem klerikali taħt l-iskema ta' Xogħol fil-Komunita' mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ.

Il-laqgħa spiċċat fis-18.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2013 fit-15.00.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv